MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Talba Numru. 1015/2009

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597)**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera**
**Argus Insurance Company (Europe) Limited**
**vs**
**Mario Hallett**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn mitejn u hamsa u sebghin ewro, u hamsa u tmenin ewro centezmu (€2275.85) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn mija u disgha u sebghin ewro u wiehed u hamsrin ewro centezmu (€2179.51), l-ammont minnha sborzat favur terzi u in kwantu ghall-ammont ta' sitta u disghin ewro u erbgha u tlettin ewro centezmi (€96.34), l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma ittri legali u konsulti riferribilment ghall-istess incident awtomobilistiku.

Illi matul is-sena 2008, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAH-178 mas-socjeta’ attrici;

Nhar il-15 t’ April, 2008 sehh incident awtomobilistiku geww Triq Patri Wistin Borg, Marsascala bejn l-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAH-178 illi kienet qieghda tigi misjuqa mill-istess konvenut u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KTH-253 misjuqa minn certu Keith Galea;

Illi l-konvenut baqa’ ma ressaqx *claim* mas-socjeta’ attrici relattivament ghall-incident *de quo*, u dan kif obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta’ attrici favur il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAH-178, propjeta’ ta’ l-istess konvenut;

Illi s-socjeta’ attrici informat lill-konvenut kemm verbalment kif ukoll permezz ta’ l-ittra ufficjali pprezentata f’Settembru 2008 illi galadarba huwa ma ressaqx *claim* in konnessjoni ma’ l-akkadut, f’kaz illi tigi obbligata illi teffettwa xi pagamenti in konnessjoni ma’ l-akkadut skont il-ligi, hija kienet ser tipprocedi fil-konfront tieghu ghall-hlas tal-ammonti kollha minnha hekk sborsati;

Illi galadarba l-konvenut kien kjarament unikament responsabbli ghall-akkadut, is-sojceta’ attrici hallset lit-terzi ai termini ta’ l-artikolu 15 tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta s-somma ta’ elfejn u mija u disgha u sebghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2179.51) oltre ghall-ispejjez u interessi – liema pagament effettivament sar f’Lulju 2009;

Illi galadarba l-konvenut agixxa bi ksur ta’ diversi kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva u tal-ligi, s-socjeta’ attrici hija intitolata illi tirkupra l-ammont ta’ elfejn u mitejn u hamsa u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,275.85) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ elfejn u mija u disgha u sebghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,179.51) l-ammont sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta’ sitta u disghin

ewro u erbgha u tletin centezmu (€96.34) l-ispejjez inkorsi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ ittri legali u konsulti riferibbilment ghall-istess incident awtomobilistiku.

Bl-ispejjez inkluz dawn tal-mandat kawtelatorji illi qieghdin jigu pprezentati kontestwalment ma’ dana l-att, u dawk ta’ l-ittri ufficjali tat- 30 ta’ Settembru, 2008 u l- 21 ta’ Lulju, 2009, flimkien ma’ l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut, illi jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukata Roberta M. Buhagiar fit- 8 ta’ April, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------